MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2007

Numru 894/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anthony Portelli)**

**vs**

**JONATHAN ZAMMIT**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Jonathan Zammit, ta’ 19-il sena, iben il-mejjet Carmel u Rita nee’ Vella, imwieled Pieta’ nhar it-13 ta’ Dicembru 1985, u li joqghod ‘My Nest’, Triq ir-Rebbiegha, Mosta, u li ghandu il-karta tal-identita bin-numru 6686(M) gie akkuzat:

1. Talli fit-3 ta’ Ottubru 2005 u f’dati precidenti, gewwa B’Kara u fi bnadi ohra f’dawn il-Gzejjer, iffalsifika biljetti tal-flus jew mexxa biljetti tal-flus falsifikati u cioe’ biljetti tal-flus Maltin, liema biljetti tal-flus kien jaf li huma falsifikati. Dan bi ksur ta’ l-artikolu 45 tal-Kap. 204 tal-Ligijiet ta’ Malta.
2. Talli fl-istess cirkustanzi, minghajr awtorita legali jew minghajr skuza legittima jew ragonevoli, xtara jew ircieva minghand xi persuna, jew kellu fil-kustodja jew pussess tieghu, biljetti tal-flus falsifikati li kien jaf li l-istess biljetti tal-flus kienu falsifikati. Dan bi ksur ta’ l-artikolu 46 tal-Kap. 204 tal-Ligijiet ta’ Malta;
3. Akkuzat ukoll talli f’San Giljan matul il-lejl tat-28 u d-29 ta’ Settembru 2005 ikkommetta serq ta’ vettura bin-numru tar-registrazzjoni GAK-498 ta’ ghamla Peugeot 306, liema serq huwa kwalifikat bil-valur, bil-hin u xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-detriment tal-kumpanija ‘Meli Car Rentals Ltd’. Dan bi ksur ta’ l-artikoli 261(c)(f)(g), 267, 270 u 271 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
4. Akkuzat ukoll talli fit-3 ta’ Ottubru 2005 u fil-jiem ta’ qabel, f’diversi bnadi f’dawn il-gzejjer, xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement kull mod li jkun indahal sabiex ibieghhom jew imexxihom, u cioe’ laqgha ghandu l-imsemmija vettura GAK-498, liema vettura hija propjeta’ tal-kumpanija ‘Meli Car Rentals Ltd’. Dan bi ksur ta’ l-artikolu 334 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet provi.

Rat l-atti u id-dokumenti esebiti.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar is-sbatax ta’ Novembru, 2005 u nnutat li l-imputat, wara li gie mistoqsi jekk ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u wara li nghata zmien xieraq biex iwiegeb, iddikjara li m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tal-14 ta’ Ottubru, 2005, l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li inkwantu ghall-ewwel akkuza li

tinkwadra ruhha fl-Art. 45 tal-Kap. 204 tal-Ligijiet ta’ Malta, din l-akkuza inghatat bhala akkuza alternattiva ghat-tieni akkuza, liema akkuza tinkwadra ruhha fl-Art. 46 tal-Kap. 204 tal-Ligijiet ta’ Malta u ghaldaqstant il-Prosekuzzjoni talbet lill-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija l-ewwel akkuza.

Innutat ukoll li fl-istess Sedata tal-14 ta’ Ottubru, 2005, l-istess Ufficjal Prosekutur iddikjara b’referenza ghar-raba’ akkuza li tirrigwarda ricettazzjoni u tinkwadra ruhha fl-Art. 334 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, din l-akkuza inghatat bhala akkuza alternattiva ghat-tielet akkuza li tirrigwarda serq ikkwalifikat u ghaldaqstant il-Prosekuzzjoni talbet lill-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija raba’ akkuza.

Innutat ukoll li fl-istess Seduta tal-14 ta’ Ottubru, 2005, l-imputat iddikjara li qed jammetti it-tieni akkuza u it-tielet akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega’ wiegeb li hu hati tat-tieni akkuza u tat-tielet akkuza migjuba kontra tieghu.

Innutat ukoll li fl-istess Seduta tal-14 ta’ Ottubru, 2005, Dr Edward Gatt ghall-imputat, b’referenza ghat-tielet akkuza iddikjara li l-imputat qed jaccetta li l-valur tal-vettura bin-numru tar-registrazzjoni GAK-498 tal-ghamla Peugeot 306 jeccedi l-Lm1000.

Inoltre innutat li fil-Verbal tal-istess Seduta tal-14 ta’ Ottubru, 2005, Dr Edward Gatt ghall-imputat iddikjara: “li b’referenza ghall-flus esebiti llum bhala Dok PAP2 ma jikkontestax li l-imsemmija flus huma foloz.”

Inoltre innutat li fis-Seduta tallum l-imputat rega’ kkonferma li hu hati tat-tieni akkuza u tat-tielet akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati tat-tieni akkuza u tat-tielet akkuza migjuba kontra tieghu.

Innutat ukoll li fis-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur ikkonferma dak li ddikjara fil-Verbal tas-Seduta tal-14 ta' Ottubru, 2005.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 46 tal-Kap. 204 u l-artikoli 261(c)(f)(g), 267, 270, 271, 279, 280 u 281 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Jonathan Zammit, fuq ammissjoni, hati tat-tieni akkuza u tat-tielet akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fedina penali netta tal-imputat u l-eta' tenera tal-istess imputat u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat Jonathan Zammit ghall-piena komplessiva ta' tmintax (18)-il xahar prigunerija u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' tlett (3) snin millum l-imputat Jonathan Zammit jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Rigward ghall-ewwel akkuza migjuba fil-konfront tal-imputat li tinkwadra ruhha fl-Art. 45 tal-Kap. 204 tal-Ligijiet ta' Malta u ghar-raba' akkuza li tirrigwarda ricettazzjoni u tinkwadra ruhha fl-Art. 334 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fid-dawl ta' dak dikjarat fil-Verbal tas-Seduta tal-14 ta' Ottubru, 2005 mill-Ufficjal Prosekutur rigward dawn l-akkuzi kif riportat aktar qabel f'din is-Sentenza, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dawn l-imsemmija akkuzi.

Inoltre il-Qorti bl-applikazzjoni tal-artikolu 23 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna il-konfiska u kif ukoll id-distruzzjoni tal-oggetti esebiti bhala Dok PAP2 u ghal fini ta' tali distruzzjoni tinnomina lir-Registratur tal-Qrati u Tribunali

Kriminali biex jaghmel tali distruzzjoni fil-presenza ta' rappresentant tal-Gvernatur tal-Bank Centrali u wara ir-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali ghandu jaghmel Rapport dwar tali distruzzjoni u jippresentah fir-Registru ta' din il-Qorti sabiex jigi inserit fl-atti ta' din il-kawza.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Jonathan Zammit l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tordna li kopja ta' din is-Sentenza tigi notifikata lir-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------